# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħdax (11) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 16 t' Awwissu 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-basketball rings jistgħu jsiru fejn il-librerija, biex b'hekk ma nidħlux fl-iskola. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jkun hemm is-siġar fin-nofs. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel ma dan il-punt. Is-Sindku qal illi ngħattu l-AC's u r-rings jsiru fejnhom. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nżommu sorveljenza ta' min jidħol. Kulħadd qabel li rrid ikun hemm xi ħadd responsabbli madwar il-post.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jistaqsi l-ispettur biex jiġi għal laqgħa li jmiss. [ref punt nru 3.4].

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat email lil Melita [ref: punt nru. 3.6] fejn qal illi l-Kunsill jixtieq jibda joffri l-istess servizz li joffri lil klijenti tal-Go li jiġu jħalsu l-kontijiet tagħhom mill-Kunsill stess.

3.4 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-knis qed jaqta' u jiġbor il-ħaxix madwar ir-raħal [ref: punt nru. 3.9]

3.5 Il-Kunsill ma rċieva ebda stima għad-dumbells minn dawk li jieħdu sehem fil-klassijiet tal-aerobics u għalhekk ma setax japprova t-talba tax-xirja ta' dawn id-dumbells.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fl-ebda ħin ma qabel illi triq San Tumas tibqa two-way matul il-ġurnata [ref: punt nru. 3.14]. Qal illi wara li saru t-tabelli n-nies qegħdin iżommu mar-regoli u ppropona li nħallu kollox kif inhu għalissa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nitolbu permess minn Transport Malta biex inżommu l-affarijiet kif inhuma. Qabel ukoll li ssir one-way. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jekk nagħmlu l-ħinijiet se nikkumplikaw l-affarijiet. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel illi nitolbu l-għajnuna ta' Transport Malta fuq dan kollu waqt li qal illi tabella "no access to triq San Tumas" għandha teħel f'triq it-Twemmin.

3.7 Is-Sindku qal illi hemm xogħolijiet importanti li għandhom isiru għal issa u ħabba dan il-ħaddiema tal-IPSL kellhom iħallu x-xogħol biex jiżbgħu il-bankijiet minħabba hekk [ref: punt nru. 3.20], wara li ġie mitlub update mill-kunsillier Publius Abdilla.

3.8 Is-Sindku qal illi mit-Tnejn 23 ta' Lulju se niġu provduti servizz minn ħaddiema tal-gvern biex jaqtgħu l-ħaxix. Qal illi se nkollna nixtru d-diska tal-mutur.

3.9 Is-Sindku qal illi żebgħu l-grawnd minn ġewwa. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk jista' jsir xogħol in-naħa ta' barra wkoll. Il-kunsillier Publius Adbilla qal illi ma rranġajniex l-istreamer. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol sar. Il-kunsillier Carlo Stivala qal ukoll illi sejrin ħafna nies biex jaraw il-logħob u għandna nagħmlu l-banner tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-banner għanda ssir biss għas-Semi Finals u l-final u nagħmluha fuq barra. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hu lest jagħmel il-banner f'postu qabel kull logħba. Dan ġie approvat.

3.10 Il-Viċi Sindku qal illi l-kors tal-Health and Safety għall-impjegati tal-Kunsill għanda ssir f'ħin tajjeb għal ħaddiema.

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal li hu ried jagħmel ħarġa sabiħa biex in-nies jieħdu pjaċir u għalhekk kien se jeħodhom sal-Buskett għall-Imnarja [ref: punt nru. 8.2]. Qal illi kien diġa talab kwotazzjonijiet u għalhekk iddisappuntu ruħu li ma setax ikompli bil-pjanijiet għal-ħarġa.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tal-COMTEC ġejjin jagħmlu x-xogħol fil-Kunsill u librerija [ref punt nru. 8.3] fit-28 ta' Lulju. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li l-injam tas-Sala baqa barra l-bieb tal-librerija, iżda s-Sindku qal illi tal-COMTEC ikkonfermaw illi peress illi l-injam qiegħed fix-xemx, id-dud imut għax m'hemmx umdita, u b'hekk qegħdin nevitaw l-inkwiet. B'referenza għal punt nru. 8.4, il-kap tal-iskola qalet illi se jużaw dak l-injam.

3.13 Il-pulizija għandhom jieħdu ħsieb il-problemi eżistenti rigward il-klieb li qegħdin joħolqu problemi għar-residenti u li m'għandhomx ċippa.

**4. Korrespondenza.**

4.1 Il-Kunsill irċieva żewġ stimi għal kors tal-First Aid. Rigward il-prezz dawn huma kwazi t-tnejn l-istess. Il-Kunsill għandu jara  min jista joffri l-izjed ħinijiet adekwati..

4.2 Is-Segretarju qal illi kien bagħat lil MRRA dwar il-klieb li qegħdin iħamġu partijiet mir-raħal iżda huma talbu għal aktar informazzjoni li l-Kunsill ma jistax jirrispondi għax m'għandux id-dettalji fuq is-sid tal-klieb. Fl-email intqal illi d-dipartiment ma jistax jieħu azzjoni fuq klieb li jidhru b'saħħithom, bħal ma huma dawn il-klieb.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Polidano Brothers għamlu talba għal ħlas ta xogħolijiet li saru sitt snin ilu, iżda l-Kunsill m'għandu l-ebda rikordju ta' dawn il-kontijiet pendenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien beda ix-xogħol fuq bankini minn ħaddiema tal-gvern iżda dawn kienu twaqqfu minħabba lmenti li saru minn residenti. Polidano Borthers komplew ix-xogħol u qal m'għandu l-ebda dubju li l-ħlas ma sarx u li kien sar ftehim illi l-kontijiet ma kellhomx jitħalsu dak iż-żmien. Il-Kunsill qabel illi għal issa ma jsir l-ebda ħlas u jekk dan hu preskitt għandna nieħdu parir.

**5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

**6. Eco Wardens**

6.1 Is-Sindku qal illi għandna nkunu nafu min se jħallas għas-servizz tal-ecowardens. Qal illi jekk il-Kunsill se jkollu joħroġ il-flus għal dan is-servizz, ma jarax il-valur ta' dan għan-naħa tagħna. Il-Kunsill se jagħmel talba lil Reuben Sciberras għal aktar informazzjoni.

**7. Summer League 2012**

7.1 Il-kunsillier Carlo Stivala, li qed jieħu ħsieb dan is-Summer League, qal illi hemm ħdax –il tim.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Anthony Brigulio offra l-aħjar prezz għas-servizz tar-referee. Qal illi għandna nħalsu r-referee wara kull logħba.

7.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-logħbiet se jibdew fit-8.15pm u fid-9.15pm.

7.4 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s'issa ġabar għajnuna ta Chaju Pet Needs, C&M Gypsum works, PUMA u Fsadni Garage għall-organizzazzjoni ta dan il-League.

7.5 Il-kunsillier Carlo Stivala jemmen illi għandna nagħmlu riċeviment għat-timijiet fl-aħħar tal-League. Qal ukoll illi stieden l-eks plejer Malti Carmel Busuttil għall- finali. Qal illi hemm ħafna entuzjazmu għal din l-attivita. Staqsa wkoll biex nagħmlu skips fil-Playing Field sakemm jispiċċa l-League.

**8. Korsijiet**

8.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jekk ma jkunx hemm konkorrenza għall-korsijiet tal-LifeLong Learning, sar ftehim biex naħdmu mal-Kunsilli tal-Qrendi, Żurrieq u Ħal Kirkop.

**9. Mawra mal-baħar**

9.1 Il-Viċi Sindku ħareġ il-poster tal-attivita li se jsir fis-26 ta' Lulju. Qal ukoll illi hemm konkorrenza qawwija s'issa.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Wara talba mill-koordinatur ta' Skola Sajf 2012 biex tiġi msewwija l-cassette player, il-Kunsill qabel illi minflok għandna nixtru waħda ġdida li nkunu nistgħu nużaw għal attivitajiet tagħna wkoll.

10.2 Il-Kunsill qabel li nagħmlu skip on wheels fejn il-grawnd waqt il-Summer League. Il-Kunsill qabel illi dan l-iskip jintuza biex jinġabar il-ħaxix madwar ir-raħal ukoll. Dan l-iskip għandu jintuża sal-festa, waqt illi il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu illi għandna bżonn tnejn oħra matul il-festa.

10.3 Il-Kunsill qabel illi ż-żewġ siġar li hemm f'triq il-Ħajt Ruman li għamlu xi ftit ħsara lil bankina, għandhom jitneħħew wara li l-Kunsill ġab il-permess meħtieġ biex dan ix-xogħol isir. Il-Kunsill qabel illi jsir ix-xogħol meħtieġ fuq il-bankina t'hemmhekk.

10.4 Is-Sindku qal illi hemm sid ta' garaxx fil-bidu ta' triq il-Kuċċard [kantuniera ma triq San Ġwann] illi esprima l-biża tiegħu meta joħroġ il-karrozza mill-garaxx għax ma jkunx jista jara jekk ġejjin karrozzi meta jduru l-kantuniera. Għalhekk għamel proposta biex inkabbru l-bankina xi ftit biex inkunu nistgħu nevitaw aċċidenti. Il-Kunsill qabel.

10.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm min qed jipparkja ma kantuniera f'triq San Ġwann. Flimkien mal-kunsilliera oħrajn jemmen illi meta joqogħdu iżjed min karrozza waħda hemm, ikun hemm periklu għal dawk li jduru mal-kantuniera. Ippropona li nneħħu 'double yellows' u nagħmluhom in-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsill qabel.

10.6 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-Bulky Refuse se jibda jiġi kull nhar ta' Sibt filogħdu għax dak in-nhar ikollu xi ħadd biex jgħinu jerfa.

10.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal li rċieva lment dwar persuna li għanda propjeta ġo sqaq Santa Marija iżda ma tgħix hemmhekk u fl-istess ħin, meta tmur sar-residenza għal ftit ħin, tieħu l-kelb tagħha li qiegħed iħammeġ barra.

10.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm min qed jagħfas l-ispeed quddiem is-sorijiet u jtella l-handbreaks. Il-kunsillier Carlo Stivala qal li dan il-persuna qed jagħmel l-istess f'partijiet oħra tar-raħal. Is-Sindku qal illi għandna nieħdu n-number plate tal-karrozza biex inkunu nistgħu nieħdu azzjoni kontriħ.

10.9 Il-kunsillier Publius Abdilla għandu jiltaqa ma rapprezentant tad-Drug Squad u ried ikun jaf jekk kunsilliera oħra għandhom ideja dwar abbuzi li qegħdin isiru fir-raħal. Kulħadd qabel illi avolja hemm abbuz, bħal m'hemm postijiet oħrajn, m'hemmx problemi gravi daqs kemm kien hemm fil-passat.

10.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna niltaqgħu mal-Gal Xlokk peress illi ma ħadna l-ebda fondi mingħandhom s'issa.

10.11 Il-Viċi Sindku Johan Mula ppropona li naraw jekk il-GreenPak huma lesti biex joffru servizz għall-ġbir tal-ħġieġ, wara li semgħa dwar inizzjativa simili minn kumpanija oħra.

10.12 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm mera miksura fejn triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat.

10.13 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm 2 bozoz illi ma jaħdmux fit-triq Dun Ġuzepp Caruana.

10.14 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna bżonn niżbgħu is-sleeping police ta' triq San Pawl. Qal ukoll illi fuq il-bankina hemm ġebel li għandhom jitneħħew.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fit-22 t' Awwissu 2012.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |